



JC 2019 81

Is-16 ta' Diċembru 2019

Linji Gwida Finali

dwar il-kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni għall-finijiet tad-Direttiva (UE) 2015/849 bejn l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji

Il-Linji Gwida tal-Kulleġġi AML/CFT

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-linji gwida konġunti

Dan id-dokument jinkludi Linji Gwida Konġunti maħruġa skont l-Artikoli 16 u 56, is-subparagrafu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE; ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol); u r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) – “ir-Regolamenti dwar l-ASE”. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolamenti dwar l-ASE, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz biex ikunu konformi mal-linji gwida.

Il-linji gwida konġunti jstabbilixxu l-fehmiet tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (tal-ASE) fir-rigward tal-prattiki superviżorji adegwati fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar il-mod kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-linji gwida konġunti għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida konġunti huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolamenti dwar l-ASE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (ASE) rispettiva jekk humiex konformi jew jekk humiex biħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida Konġunti, jew inkella, bir-raġunijiet għannuqqas ta' konformità, sa **jj.xx.ssss** (xahrejn wara l-ħruġ). Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati mill-ASE rispettiva bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu lil compliance@eba.europa.eu, compliance@eiopa.europa.eu u compliance@esma.europa.eu bir-referenza “JC 2019 81”. Mudell għan-notifiki huwa disponibbli fuq is-siti web tal-ASE. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-siti web tal-ASE, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

2. Suġġett, definizzjonijiet u destinatarij

Suġġett

Dawn il-linji gwida:

- a) jistabilixxu qafas għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti permezz ta' jew impenji bilaterali jew il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus/kontra l-finanzjament ta' kulleġġi tat-terroriżmu (AML/CFT);
- b) jirregolaw l-istabbiliment u l-funzjonament tal-kulleġġi tal-AML/CFT.

Definizzjonijiet

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fid-Direttiva (UE) Nru 2015/849 u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom l-istess tifsira f'dawn il-linji gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

Awtorità kompetenti	Awtorità kompetenti definita fil-punt (2)(ii) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, fil-punt (2)(ii) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010; u fil-punt (3)(ii) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li hija kompetenti biex tiżgura l-konformità tad-ditti mar-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2015/849. F'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 199/2016, Nru 200/2016 u Nru 201/2016 tat-30 ta' Settembru 2016, it-termini "Stat(i) Membru/i" u "awtoritajiet kompetenti" għandhom jinftiehem li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament imsemmi hawn fuq, l-Istati tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.
Impriża ta' pajjiż terz	Impriża stabbilita f'pajjiż terz, li, li kieku kienet stabbilita fi Stat Membru, tikkwalifika bħala istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja msemija fil-punti (1) u (2) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2015/849.
Ditta	Istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja msemija fil-punti (1) u (2) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2015/849.

Ditta b'fergħat stabbiliti fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz jew Ditta li topera fuq bażi transkonfinali grupp ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji msemmija fil-punt (15s) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2015/849 b'sussidjarji u fergħat stabbiliti fi Stat Membru jew f'pajjiż terz.

Fergħa jew kwalunkwe forma oħra ta' stabbiliment kif imsemmi fl-Artikolu 45(2) u l-Artikolu 48(4) tad-Direttiva (UE) 2015/849 ta' ditta li topera fi Stat Membru minbarra l-Istat Membru fejn l-uffiċċju ewlieni tad-ditta jkun stabbilit jew f'pajjiż terz; jew is-sussidjarja ta' impriża omm stabbilita fi Stat Membru minbarra l-Istat Membru fejn dik l-impriża omm ġiet stabbilita jew f'pajjiż terz.

Is-sussidjarja diretta jew indiretta ta' impriża ta' pajjiż terz li ġiet stabbilita fi Stat Membru ("sussidjarja tal-UE ta' impriża ta' pajjiż terz") jew fergħa tal-UE, jew kwalunkwe forma oħra ta' stabbiliment kif imsemmi fl-Artikolu 45(2) u fl-Artikolu 48(4) tad-Direttiva (UE) 2015/849 ta' dik l-impriża ta' pajjiż terz jew kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tagħha tal-UE.

Għal stabbilimenti transkonfinali stabbiliti f'minn tal-inqas tliet Stati Membri, is-superviżur ewlieni huwa:

- Superviżur ewlieni
- (a) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun jinsab is-superviżur konsolidanti msemmi fl-Artikolu 111 tad-Direttiva 2013/36/UE ¹ jew is-superviżur tal-grupp imsemmi fl-Artikolu 212(1)(d) tad-Direttiva 2009/138/KE ² ; jew, fejn is-superviżur konsolidanti jkun il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn is-superviżur konsolidanti kien ikun jinsab qabel l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013;³ jew
 - (b) għal ditta, minbarra istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' assigurazzjoni, bi stabbilimenti transkonfinali, li huma:

¹ Id-Direttiva 2013/36/UE tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE.

² Id-Direttiva 2009/138/KE tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-insewiment tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II).

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.

- i. sussidjarji, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-impriża omm;
 - ii. mhux sussidjarji, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju ta' dik id-ditta; jew
- (c) għal ditta li topera fuq bażi transkonfinali, li hija sussidjarja ta' impriża li mhijiex istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja msemmija fil-punti (1) u (2) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2015/849, l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru kif definit fil-punti b(i) u b(ii) ta' hawn fuq.

Għall-istabbilimenti tal-UE stabbiliti f'mill-inqas tliet Stati Membri, is-superviżur ewlieni jfisser:

- (a) bejn fergħat u sussidjarji, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn is-sussidjarja hija stabbilita;
- (b) fost sussidjarji jew fost fergħat, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita s-sussidjarja jew il-fergħa li tippreżenta l-ogħla livell ta' riskju ta' ML/TF skont il-valutazzjoni tar-riskju tal-awtorità kompetenti; jew
- (c) fost sussidjarji jew fost fergħat, bl-istess livelli ta' riskju ML/TF, tiġi stabbilita l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun is-sussidjarja jew il-fergħa bl-ogħla valur totali tal-assi tagħha.

Meta s-superviżur ewlieni ma jkunx jista' jiġi identifikat, l-awtorità superviżorja rilevanti tista' fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba mill-awtoritajiet kompetenti involuti, tipprovdi assistenza, inkluż permezz ta' medjazzjoni.

Kulleġġ AML/CFT

Kulleġġ, li jikkonsisti fis-superviżur ewlieni, il-membri permanenti u l-osservaturi, li jiġi stabbilit biex jipprovdi struttura permanenti għall-kooperazzjoni u għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn dawn il-partijiet għall-finijiet ta' superviżjoni ta' ditta li topera fuq bażi transkonfinali.

Superviżur prudenzjali

L-awtorità kompetenti definita fil-punt (2)(i) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, fil-punt (2)(i) tal-Artikolu 4 tar-



Regolament (UE) Nru 1094/2010 u fil-punt (3)(i) tal-Artikolu 4
tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.



Destinatarji

8. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti.

5. Implimentazzjoni

Data ta' applikazzjoni

Dawn il-linji gwida jibdew japplikaw mill-10 ta' Jannar 2020.

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

Ir-referenzi għall-ASE f'dawn il-linji gwida għandhom jinftiehem bħala referenzi għall-awtorità superviżorja Ewropea li l-liġi tal-Unjoni tikkonferixxi l-kompiti relatati mal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fis-sistema finanzjarja madwar l-UE.

1. Linji gwida dwar il-kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni għall-finijiet tad-Direttiva (UE) 2015/849 bejn l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji

Linja Gwida 1: L-immappjar

- 1.1 L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu mmappjar ta' dawn kollha li ġejjin:
- (a) ditti li joperaw fuq bażi transkonfinali li huma stabbiliti fl-Istat Membru tagħhom u stabbilimenti transkonfinali ta' dawk id-ditti fi Stati Membri oħrajn jew f'pajjiżi terzi;
 - (b) stabbilimenti transkonfinali u tal-UE li joperaw fl-Istat Membru tagħhom; u
 - (c) impriżi ta' pajjiżi terzi marbuta ma' stabbilimenti tal-UE stabbiliti fil-punt (b) ta' hawn fuq.
- 1.2 Biex jitwettaq l-immappjar għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw l-immappjar:
- (a) diġà disponibbli għalihom fil-kapaċità tagħhom bħala superviżuri prudenzjali;
 - (b) li ġie kkomunikat lilhom minn superviżuri prudenzjali; jew
 - (c) imwettaq minnhom bħala parti mill-qafas ta' superviżjoni bbażata fuq ir-riskju tagħhom, li huwa stabbilit fil-Linji Gwida Konġunti tal-ASE dwar il-karatteristiċi ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju għas-superviżjoni tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u l-passi li għandhom jittieħdu meta ssir superviżjoni fuq bażi ta' sensittività għar-riskji (JC 2016 72), ippubblikati fis-16 ta' Novembru 2016 ("il-Linji Gwida dwar is-Superviżjoni bbażata fuq ir-Riskju").
- 1.3 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-immappjar imsemmi fil-Linja Gwida 1.2 ta' hawn fuq:
- (a) ikun fih biżżejjed informazzjoni għall-awtoritajiet kompetenti biex tiġi żgurata l-konformità tagħhom ma' dawn il-linji gwida; u
 - (b) huwa appoġġjat minn valutazzjoni tar-riskju ML/TF ta' ditti u setturi fi ħdan il-mandat superviżorju tagħhom.



- 1.4 Meta jitwettaq l-immappjar għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru l-informazzjoni meħtieġa mis-sorsi disponibbli kollha inklużi, iżda mhumiex limitati għal:
- (a) l-attivitajiet superviżorji proprji tagħhom, inkluż ir-rapportar annwali;
 - (b) awtoritajiet kompetenti oħrajn jew awtoritajiet superviżorji AML/CFT f'pajjiżi terzi, sa fejn ikun possibbli;
 - (c) reġistri pubbliċi ta' ditti awtorizzati/liċenzjati, inklużi r-reġistri tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA); u
 - (d) superviżuri prudenzjali, jiġifieri informazzjoni li għandhom dwar l-istrutturi tad-ditta jew tal-grupp ta' ditti li huma soġġetti għas-superviżjoni prudenzjali tagħhom, inkluża informazzjoni li tinkiseb bħala parti minn awtorizzazzjonijiet, notifikati ta' passportar u l-istabbiliment ta' kulleġġi ta' superviżuri, fejn rilevanti.
- 1.5 Meta jitwettaq l-immappjar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-mudell ipprovdut fl-Anness I.
- 1.6 Meta jlestu l-immappjar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu mill-inqas:
- (a) l-ismijiet tal-Istati Membri kollha, l-Istati EFTA taż-ŻEE jew pajjiżi terzi fejn id-ditta li topera fuq bażi transkonfinali jkollha l-istabbilimenti transkonfinali tagħha;
 - (b) l-ismijiet tal-Istati Membri kollha u tal-Istati EFTA taż-ŻEE fejn l-imprezza ta' pajjiżi terzi għandha l-istabbilimenti tal-UE tagħha, sal-punt li dan ikun magħruf mill-awtorità kompetenti;
 - (c) l-isem tal-pajjiżi terzi fejn l-imprezza tal-pajjiżi terzi b'rabta mal-istabbilimenti tal-UE għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha; u
 - (d) l-livell tar-riskju ML/TF assoċjat mad-ditta li topera fuq bażi transkonfinali, l-istabbilimenti transkonfinali u l-istabbilimenti tal-UE, sal-punt li dan ikun magħruf mill-awtorità kompetenti, f'konformità mal-Passi 1 u 2 tal-Linji Gwida dwar is-Superviżjoni bbażata fuq ir-Riskju.
- 1.7 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-immappjar jibqa' aġġornat. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw u jaġġornaw l-immappjar b'mod regolari, u fuq bażi ad hoc, meta jsiru jafu bi kwalunkwe tibdil rilevanti fl-istruttura tas-sjieda tad-ditta li topera fuq bażi transkonfinali jew tal-imprezza ta' pajjiżi terzi.
- 1.8 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissottomettu l-immappjar u l-aġġornamenti tagħha minn hemm 'il quddiem lill-awtorità superviżorja Ewropea rilevanti.

Linja Gwida 2: Il-kundizzjonijiet biex jiġi stabbilit kulleġġ AML/CFT

- 2.1 Wara t-tweġġ tal-immappjar skont il-Linja Gwida 1, is-superviżur ewlieni għandu jidentifika d-ditti li joperaw fuq bażi transkonfinali li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija fil-Linja Gwida 2.2 għall-istabbiliment ta' kulleġġ AML/CFT.
- 2.2 Il-kundizzjonijiet biex jiġi stabbilit kulleġġ AML/CFT huma ssodisfati meta:
 - (a) ditta li topera fuq bażi transkonfinali waqqfet stabbilimenti transkonfinali f'mill-inqas żewġ Stati Membri differenti mill-Istat Membru fejn jinsab l-uffiċċju prinċipali tagħha;
 - (b) impriża ta' pajjiż terz stabbiliet stabbilimenti tal-UE f'tal-inqas tliet Stati Membri; fergħat ta' kumpanija sussidjarja tal-UE ta' impriża ta' pajjiż terz stabbilita fi Stat Membru differenti mill-Istat Membru fejn is-sussidjarja tal-UE tkun ġiet stabbilita jgħoddu bħala stabbilimenti separati.
- 2.3 Meta l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment ta' kulleġġ AML/CFT ma jkunux issodisfati, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, tal-inqas, jiżguraw il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fuq bażi bilaterali skont il-Linja Gwida 14.

Linja Gwida 3: L-istabbiliment u ż-żamma ta' kulleġġ AML/CFT

- 3.1 Meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Linja Gwida 2 jintlaħqu, is-superviżur ewlieni, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-istabbilimenti transkonfinali u tal-UE, għandu jstabbilixxi u jżomm kulleġġ AML/CFT.
- 3.2 Is-superviżur ewlieni għandu jagħti prijorià lill-istabbiliment tal-kulleġġi AML/CFT għal dawk id-ditti li joperaw fuq bażi transkonfinali u stabbilimenti tal-UE li huma kklassifikati bħala ta' riskju għoli għal skopijiet ML/TF, wara l-valutazzjoni tar-riskju mwettqa f'konformità mal-Linji Gwida dwar is-Superviżjoni tar-Riskju, u jqis l-informazzjoni rilevanti ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea, inkluża l-Valutazzjoni tar-Riskju Supranazzjonali tar-Riskju ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2015/849.
- 3.3 Fejn kulleġġ ma jkunx ġie stabbilit mis-superviżur ewlieni minkejja li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti f'dawn il-linji gwida, l-awtoritajiet kompetenti tal-istabbilimenti transkonfinali u tal-UE tad-ditta transkonfinali li għalihom il-kulleġġ ma jkunx ġie stabbilit għandhom jiktbu lis-superviżur ewlieni li jiddikjara għaliex għandu jiġi stabbilit kulleġġ. Bħala parti minn din il-komunikazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jstabbilixxu:
 - (a) għaliex huma jqisu li l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment ta' kulleġġ ikunu ntleħqu;
 - (b) ir-riskju ML/TF assoċjat mal-istabbiliment transkonfinali jew tal-UE rilevanti, inkluża b'mod partikolari kwalunkwe indikazzjoni ta' ksur jew ksur potenzjali tal-

qafas tad-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AML) fil-livell individwali jew fil-livell ta' grupp; u

- (c) l-impatt li n-nuqqas ta' stabbiliment ta' kulleġġ ikollu fuq il-funzjonijiet superviżorji tagħhom u b'mod partikolari l-kapaċità tagħhom li jissorveljaw b'mod effettiv il-konformità tal-istabbiliment transkonfinali jew tal-UE mal-obbligi AML/CFT tiegħu.

Is-superviżur ewlieni għandu jipprovdi tweġiba raġunata lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien xahar minn meta jirċievi t-talba bil-miktub. Jekk is-superviżur ewlieni ma jistabbilixx kulleġġ u l-awtoritajiet kompetenti ma jaqblux mar-raġunijiet mogħtija, huma għandhom jikkuntattjaw lill-EBA b'talba għal medjazzjoni mhux vinkolanti fir-rigward ta' jekk il-kulleġġ għandux ikun stabbilit.

3.4 Meta l-EBA tkun tal-fehma li għandu jiġi stabbilit kulleġġ u s-superviżur ewlieni ma jistabbilixx il-kulleġġ:

- (a) meta mitlub mill-awtoritajiet kompetenti ta' stabbilimenti transkonfinali u tal-UE, is-superviżur ewlieni għandu jibgħat, mingħajr dewmien żejjed, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ikunu jistgħu jissorveljaw b'mod effettiv l-istabbilimenti transkonfinali u tal-UE fi ħdan il-mandat tagħhom;
- (b) tista' tingħata kunsiderazzjoni jekk l-Artikolu 9b tar-Regolament 1093/2010 għandux japplika; u
- (c) n-nuqqas ta' stabbiliment tal-kulleġġ għandu jitqies bħala li s-superviżur ewlieni ma jkunx konformi ma' dawn il-linji gwida.

3.5 Meta awtorità kompetenti ma tkunx irċeviet l-informazzjoni mitluba mis-superviżur ewlieni skont il-punt (a) tal-paragrafu 3.4, għandha tibgħat talba għal medjazzjoni vinkolanti lill-EBA.

Linja Gwida 4: Kooperazzjoni bejn kulleġġi AML/CFT u superviżuri prudenzjali

4.1 Meta jkun ġie stabbilit kulleġġ ta' superviżuri msemmi fid-Direttiva 2013/36/UE jew fid-Direttiva 2009/138/KE, għandu jiġi żgurat dan li ġej:

- (a) is-superviżur ewlieni għandu jagħmel ħiltu biex jikseb mingħand is-superviżur konsolidanti l-immappjar tal-grupp imwettaq skont l-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/98 u l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/99;
- (b) is-superviżur ewlieni għandu jipprovdi lis-superviżur konsolidanti jew lis-superviżur tal-grupp bl-immappjar li jkun wettaq skont il-Linja Gwida 1.



- 4.2 Is-superviżur ewlieni għandu jimpenja ruħu ma' superviżur konsolidanti jew mal-president tal-kulleġġ tas-superviżuri prudenzjali u, jekk differenti, mal-president tas-sottostruttura AML/CFT tal-kulleġġ tas-superviżuri prudenzjali fejn teżisti din is-sottostruttura, sabiex jiġu żgurati l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn AML/CFT u superviżuri prudenzjali kif rilevanti għall-kompiti tagħhom u kif previst mil-leġiżlazzjoni applikabbli. Din il-kooperazzjoni għandha:
- (a) tinkludi l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti bejn il-kulleġġ AML/CFT u l-kulleġġ ta' superviżuri prudenzjali tad-ditta li topera fuq bażi transkonfinali jew il-grupp li għalih ġie stabbilit il-kulleġġ AML/CFT; u
 - (b) tiżgura l-parteciġazzjoni fil-laqgħat tal-kulleġġi rispettivi tagħha, meta suġġett ta' rilevanza għall-membri l-oħra tal-kulleġġ jiġi inkluż fl-aġenda tal-laqgħat tagħha.

Linja Gwida 5: Kompożizzjoni ta' kulleġġ AML/CFT

Il-membri permanenti

- 5.1 Is-superviżur ewlieni għandu dejjem jistieden lill-awtoritajiet li ġejjin biex jipparteċipaw fil-kulleġġ AML/CFT bħala membri permanenti:
- (a) l-awtoritajiet kompetenti kollha responsabbli għas-superviżjoni AML/CFT tal-istabbilimenti transkonfinali kollha tad-ditta li topera fuq bażi transkonfinali;
 - (b) l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni AML/CFT tal-istabbilimenti kollha tal-UE;
 - (c) l-ASE xierqa (l-EBA, l-ESMA jew l-EIOPA).
- 5.2 Is-superviżur ewlieni għandu jkun responsabbli għall-identifikazzjoni tal-membri permanenti msemmija fil-Linja Gwida 5.1 u jirreġistra l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom fil-lista ta' kuntatt tal-kulleġġ AML/CFT rilevanti f'konformità mal-Linja Gwida 6. Sabiex jiġu identifikati l-awtoritajiet kompetenti, is-superviżur ewlieni jista' jirreferi għar-reġistru tal-awtoritajiet kompetenti ppubblikati mill-Kummissjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 48(1a) tad-Direttiva (UE) 2015/849.
- 5.3 Mal-wasla tal-istedina biex jipparteċipaw fil-kulleġġ AML/CFT, il-membri permanenti għandhom jikkonfermaw il-parteciġazzjoni tagħhom bil-miktub lis-superviżur ewlieni fi żmien 10 ijiem ta' xogħol.

Osservaturi

- 5.4 Is-superviżur ewlieni għandu jistieden biex jipparteċipaw fil-kulleġġ AML/CFT bħala osservaturi, is-superviżuri prudenzjali ta' ditti li joperaw fuq bażi transkonfinali, l-istabbilimenti transkonfinali u tal-UE u l-awtoritajiet AML/CFT ta' pajjiżi terzi fejn joperaw stabbilimenti transkonfinali. Huwa jista' wkoll jistieden is-superviżuri prudenzjali ta' pajjiżi

terzi fejn joperaw stabbilimenti transkonfinali u l-Unità tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) tal-Istat Membru fejn jinsab is-superviżur ewlieni biex jipparteċipaw.

- 5.5 Is-superviżur ewlieni għandu jkun responsabbli biex jidentifika l-osservaturi msemmija fil-Linja Gwida 5.4 u jirreġistra l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom fil-lista ta' kuntatt tal-kulleġġ AML/CFT rilevanti f'konformità mal-Linja Gwida 6. Sabiex jiġu identifikati l-awtoritajiet rilevanti, is-superviżur ewlieni jista' jikkonsulta lill-awtoritajiet superviżorji Ewropej.
- 5.6 Meta jkun qed jiddeċiedi jekk għandux jistieden osservatur partikolari, is-superviżur ewlieni għandu jfassal lista ta' osservaturi potenzjali skont il-Linja Gwida 5.5. Meta jagħmel dan, is-superviżur ewlieni għandu jqis il-proposti kollha li jirċievi mingħand il-membri permanenti bil-miktub fi żmien raġonevoli u l-ġustifikazzjoni tagħhom għall-istedina ta' osservatur partikolari lill-kulleġġ AML/CFT. Sabiex jiġi propost osservatur, is-superviżur ewlieni jew il-membri permanenti li jipproponi l-istedina tal-osservatur għandhom iwettqu dan li ġej:
- (a) Valutazzjoni tal-ekwivalenza tar-reġim ta' kunfidenzjalità applikabbli għal AML/CFT ta' pajjiż terz jew awtorità superviżorja prudenzjali. Bħala parti minn din il-valutazzjoni, is-superviżur ewlieni jew membru permanenti jistgħu jirreferu għar-rakkomandazzjoni dwar l-ekwivalenza ta' awtoritajiet mhux tal-UE għall-parteeċipazzjoni f'kulleġġi superviżorji ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, li tista' tkun kontribut importanti fil-valutazzjoni tal-ekwivalenza ġenerali tal-awtorità ta' pajjiż terz. Barra minn hekk, id-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza tal-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tad-Direttiva dwar is-Solvenza II⁴ u d-deċiżjonijiet dwar l-adekwatezza fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* jistgħu wkoll jiġu kkonsultati,⁵ kif xieraq.
 - (b) Valutazzjoni tal-impatt li l-attendenza ta' osservatur jista' jkollha fuq il-funzjonament tal-kulleġġ AML/CFT.
 - (c) Valutazzjoni tal-kapaċità u l-istat ta' tħejjija tal-AML/CFT ta' pajjiż terz jew tas-superviżur prudenzjali ta' pajjiż terz li jiffirmaw ftehimiet ta' kooperazzjoni bilaterali mal-membri permanenti kollha skont l-Artikolu 57(a)(5) tal-AMLD.
- 5.7 Is-superviżur ewlieni għandu jikkondividi lista ta' osservaturi potenzjali flimkien mar-riżultat tal-valutazzjoni mwettqa skont il-Linja Gwida 5.6 mal-membri permanenti kollha tal-kulleġġ AML/CFT u l-osservaturi eżistenti.
- 5.8 Il-membri permanenti għandhom iqajmu kwalunkwe osservazzjoni u oġġezzjoni dwar l-osservaturi proposti li jkunu qed jiġu mistiedna jieħdu sehem fil-kulleġġ AML/CFT fi żmien l-iskadenza stabbilita mis-superviżur ewlieni. Dawn l-osservazzjonijiet u oġġezzjonijiet għandhom jiġu akkumpanjati minn raġunament bil-miktub li jstabbilixxi l-bażi għal dawn l-

⁴ Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni.

⁵ Ara l-Artikolu 45(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 jew l-Artikolu 36(3) tad-Direttiva (UE) 2016/680.

osservazzjonijiet u oġġezzjonijiet, u kif, fil-fehma tal-membri permanenti, il-parteċipazzjoni ta' osservatur propost fil-kulleġġ AML/CFT jista' jaffettwa l-proċedimenti tal-kulleġġ.

- 5.9 Is-superviżur ewlieni jista' jistieden lil osservatur biex jipparteċipa fl-kulleġġ AML/CFT biss meta l-ebda membru permanenti ma joġġezzjona u fejn l-osservatur jaqbel li josserva t-termini tal-parteċipazzjoni tal-osservaturi, li għandhom jiġu abbozzati b'mod individwali mis-superviżur ewlieni, u li jkun hemm qbil dwaru mal-awtoritajiet rilevanti, fir-rigward ta' kull osservatur.
- 5.10 L-EBA tista' tiġi kkonsultata jew taġixxi fuq inizjattiva proprja biex tikkonċilja jew timmedja kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta fir-rigward tal-istedina u l-parteċipazzjoni tal-osservaturi.

Il-parteċipanti mistiedna

- 5.11 Is-superviżur ewlieni, jew fuq inizjattiva proprja jew fuq talba minn membru permanenti, jista' jikkunsidra li jistieden parteċipanti rilevanti oħrajn biex jattendu sessjoni partikolari tal-laqqgħa tal-kulleġġ AML/CFT fejn:
- (a) l-attenzenza ta' dawn il-parteċipanti tibbenefika l-kulleġġ AML/CFT; dawn il-parteċipanti jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, id-ditta, l-UIF minbarra l-UIF stabbilita fil-Linja Gwida 5.4, awdituri jew konsulenti;
 - (b) kwistjonijiet partikolari diskussi fil-kulleġġ AML/CFT jista' jkollhom impatt fuq ix-xogħol imwettaq mill-parteċipant mistieden; parteċipanti b'hal dawn jistgħu jinkludu b'mod indikattiv awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni jew skemi ta' garanzija tad-depożiti
- 5.12 Is-superviżur ewlieni għandu jikkunsidra l-proposti kollha bil-miktub minn membri permanenti dwar il-parteċipanti potenzjali u l-ġustifikazzjoni tagħhom biex jiġu mistiedna. Is-superviżur ewlieni għandu jikkonsulta u jirċievi l-approvazzjoni mill-membri permanenti kollha qabel ma jistieden lil dawn il-parteċipanti biex jattendu sessjoni partikolari tal-laqqgħa tal-kulleġġ AML/CFT, u jinforma lill-osservaturi dwar tali deċiżjoni.
- 5.13 Il-membri permanenti għandhom iqajmu kwalunkwe tħassib jew oġġezzjoni dwar il-parteċipanti proposti, fi żmien l-iskadenza stabbilita mis-superviżur ewlieni u għandhom jappoġġjawhom b'raġunament bil-miktub li jstabbilixxi l-bażi għal dawn il-punti ta' tħassib jew oġġezzjonijiet.

Linja Gwida 6: Listi ta' kuntatti

- 6.1 Is-superviżur ewlieni għandu jżomm lista ta' kuntatti tal-membri permanenti u l-osservaturi kollha billi jimla mudell meħmuż mal-ftehim dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fl-Anness II u jeżaminah b'mod regolari.
- 6.2 Is-superviżur ewlieni għandu jaqşam il-lista kkompilata skont il-Linja Gwida 6.1 mal-membri permanenti u l-osservaturi kollha.
- 6.3 Il-membri permanenti u l-osservaturi għandhom jipprovdu d-dettalji ta' kuntatt tagħhom lis-superviżur ewlieni u għandhom jinfirmawh b'kull tibdil mingħajr dewmien żejjed.

Linja Gwida 7: Laqgħat tal-kulleġġ AML/CFT

Laqgħat skedati

- 7.1 Is-superviżur ewlieni, f'konsultazzjoni mal-membri permanenti, għandu jiddetermina l-forma u l-frekwenza tal-laqgħat tal-kulleġġ AML/CFT/CFT, filwaqt li tal-inqas iqis il-fatturi li ġejjin:
 - (a) il-valutazzjoni tas-superviżur ewlieni tar-riskju ML/TF assoċjat mad-ditta u l-istabbilimenti transkonfinali tagħha jew l-istabbilimenti tal-UE li għalihom huwa stabbilit il-kulleġġ AML/CFT, li s-superviżur ewlieni jkun iddetermina skont il-Linji Gwida dwar is-Superviżjoni bbażata fuq ir-Riskju tal-ASE u l-Linji Gwida dwar il-Fatturi tar-Riskju;
 - (b) il-fehmiet tal-membri permanenti;
 - (c) l-urġenza u l-puntwalità tal-kwistjoni;
 - (d) id-disponibbiltà ta' membri permanenti;
 - (e) l-impatt fuq l-effettività u l-funzjonament tal-kulleġġ AML/CFT; u
 - (f) kwalunkwe tibdil sinifikanti għal-livell ta' riskju ML/TF assoċjat mad-ditti jew l-istabbilimenti transkonfinali jew tal-UE tagħhom li għalihom huwa stabbilit il-kulleġġ AML/CFT.
- 7.2 L-ewwel laqgħa ta' kwalunkwe kulleġġ AML/CFT li jkun għadu kif ġie stabbilit għandha tkun laqgħa fiżika, sakemm il-membri permanenti u s-superviżur ewlieni ma jaqblux li tkun xierqa forma differenti għal-laqgħa, filwaqt li jitqiesu l-fatturi stabbiliti fil-punti (a) sa (e) tal-Linja Gwida 7.1 ta' hawn fuq.
- 7.3 Meta s-superviżur ewlieni jiddetermina, wara li jqis il-fehmiet espressi mill-membri permanenti, li d-ditta li topera fuq bażi transkonfinali jew l-istabbilimenti tal-UE tippreżenta riskju ML/TF għoli, is-superviżur ewlieni għandu jsejjaħ mill-inqas laqgħa waħda fiżika tal-

kulleġġ AML/CFT kull sena, sakemm il-membri permanenti ma jaqblux dwar frekwenza jew forma differenti tal-laqgħa, filwaqt li jitqiesu l-fatturi stipulati fil-Linja Gwida 7.1.

- 7.4 Sa fejn dan ikun rilevanti u possibbli, is-superviżur ewlieni, f'konsultazzjoni mal-membri permanenti, għandu jorganizza laqgħa fiżika tal-kulleġġ AML/CFT immedjatament qabel, wara jew fl-istess ħin tal-laqgħa tal-kulleġġ tas-superviżuri prudenzjali biex jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u s-superviżuri prudenzjali.
- 7.5 Fil-każijiet kollha mhux indirizzati fil-Linja Gwida 7.3, is-superviżur ewlieni għandu, f'konsultazzjoni mal-membri permanenti, jaqbel dwar il-frekwenza jew il-forma tal-laqgħa, filwaqt li jitqiesu l-fatturi stipulati fil-Linja Gwida 7.1.
- 7.6 Is-superviżur ewlieni għandu jiżgura li l-laqgħat skedati tal-kulleġġ AML/CFT jinkludu mill-inqas:
- (a) skambju ta' informazzjoni dwar id-ditta li topera fuq bażi transkonfinali u l-istabbilimenti transkonfinali tagħha jew l-istabbilimenti tal-UE, inklużi:
 - (i) valutazzjoni tal-membri permanenti tal-profil tar-riskju ML/TF tad-ditta li topera fuq bażi transkonfinali jew l-istabbilimenti tal-UE;
 - (ii) twissijiet bikrija ta' riskji ML/TF emerġenti;
 - (iii) riskji ML/TF stabbiliti u sejbiet superviżorji usa' (jew sejbiet provviżorji fejn ikun ġie identifikat ksur serju) relatati mal-politiki u l-proċeduri AML/CFT, inkluża l-applikazzjoni ta' politiki u proċeduri tal-grupp kollu, mid-ditta li topera fuq bażi transkonfinali jew stabbilimenti tal-UE, inklużi numru u analiżi ta' rapporti ta' tranżazzjonijiet suspettużi ppreżentati, fejn tali informazzjoni tkun disponibbli;
 - (iv) azzjonijiet ta' superviżjoni AML/CFT ippjanati jew reċentement imlestija inklużi spezzjonijiet fuq il-post u mhux fuq il-post;
 - (v) sanzjonijiet jew azzjonijiet korrettivi oħrajn jew miżuri li tqiesu jew li ġew imposti għal ksur tal-obbligi AML/CFT;
 - (vi) miżuri oħrajn superviżorji jew ta' infurzar, inklużi miżuri applikati minn superviżuri prudenzjali, fejn rilevanti, bħal żieda kapitali bbażata fuq ir-riskju ML/TF, jew miżuri u deċiżjonijiet meħuda abbażi tar-riskju ML/TF fir-rigward tal-awtorizzazzjoni, il-parteċipazzjonijiet kwalifikanti, il-governanza, il-kontrolli interni, u l-adeqwatezza u l-proprietà;
 - (b) kunsiderazzjoni tal-ħtieġa għal approċċ komuni u azzjonijiet ikkoordinati skont il-Linji Gwida 12 u 13.

Laqgħat ad hoc

- 7.7 Is-superviżur ewlieni, jew fuq inizjattiva proprja jew fuq talba minn membru permanenti wieħed jew aktar, għandu jorganizza laqgħa ad hoc tal-kulleġġ AML/CFT fejn ikun għe stabbilit riskju ML/TF jew fejn ikun tfaċċa riskju ML/TF serju, bħal:
- (a) allegat involviment jew tad-ditta li topera fuq bażi transkonfinali, jew tal-istabbiliment transkonfinali jew tal-istabbiliment tal-UE fi skema internazzjonali ML/TF; jew
 - (b) livell għoli ta' nuqqas ta' konformità jew tad-ditta li topera fuq bażi transkonfinali, jew tal-istabbiliment transkonfinali jew tal-istabbiliment tal-UE bi standards AML/CFT li jista' jkollhom impatt f'għurisidizzjonijiet oħrajn.
- 7.8 Is-superviżur ewlieni għandu jorganizza laqgħa kif deskritt fil-Linja Gwida 7.7 mingħajr dewmien u għandu jiddetermina, f'konsultazzjoni mal-membri permanenti, l-aktar forma xierqa għal-laqgħa.
- 7.9 Meta s-superviżur ewlieni jonqos milli jorganizza laqgħa ad hoc tal-kulleġġ AML/CFT kif deskritt fil-Linja Gwida 7.8, wieħed jew aktar mill-membri permanenti għandu jorganizza l-laqgħa u jiżgura li membri permanenti oħrajn isiru jafu dwar il-laqgħa u l-kwistjonijiet li se jiġu diskussi.
- 7.10 Fejn ikun għe stabbilit riskju ML/TF u tkun meħtieġa azzjoni urġenti, membru wieħed jew aktar permanenti jista' jorganizza laqgħa ad hoc mingħajr dewmien u jiżgura li membri permanenti oħrajn isiru jafu dwar il-laqgħa.
- 7.11 Il-Linja Gwida 7.6 ta' dawn il-linji gwida ma tapplikax għal-laqgħat ad hoc.

Linja Gwida 8: Ftehim ta' kooperazzjoni bil-miktub u ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni

- 8.1 Għal kull kulleġġ AML/CFT, is-superviżur ewlieni u l-membri permanenti għandu jkollhom fis-seħħ arranġament bil-miktub ta' kooperazzjoni u kondiviżjoni ta' informazzjoni (il-“ftehim ta' kooperazzjoni AML/CFT”), u , fir-rigward tal-membri permanenti, għandhom tal-inqas jindirizzaw:
- (a) il-kamp ta' applikazzjoni tal-assistenza reċiproka, il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni;
 - (b) il-proċess li għandu jiġi segwit għall-għoti ta' assistenza reċiproka, inklużi talbiet għal kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni;
 - (c) koordinazzjoni ta' azzjonijiet superviżorji (inklużi spezzjonijiet konġunti);
 - (d) restrizzjonijiet ta' kunfidenzjalità u użi permissibbli ta' informazzjoni;



- (e) ir-regoli li jirregolaw is-soluzzjoni tat-tilwim; u
 - (f) il-lingwa li għandha tintuża għall-komunikazzjonijiet fi ħdan il-kulleġġ AML/CFT.
- 8.2 Is-superviżur ewlieni għandu jlesti mudell tal-ftehim ta' kooperazzjoni AML/CFT previst fl-Anness II għall-kulleġġi AML/CFT kollha. Meta jintuża l-mudell ta' ftehim ta' kooperazzjoni AML/CFT, ma tkunx meħtieġa approvazzjoni minn qabel mill-membri permanenti. Is-superviżur ewlieni għandu jikkomunika l-ftehim ta' kooperazzjoni AML/CFT iffinalizzat lill-membri u l-osservaturi permanenti kollha u lis-superviżur konsolidanti, fejn rilevanti.
- 8.3 Is-superviżur ewlieni għandu jemenda l-ftehim ta' kooperazzjoni AML/CFT imsemmi fil-Linja Gwida 8.2 jekk iqis li jkun meħtieġ jew fuq talba minn membru permanenti wieħed jew aktar. Is-superviżur ewlieni għandu jibgħat il-ftehim ta' kooperazzjoni AML/CFT emendat lill-membri u l-osservaturi permanenti kollha. Is-superviżur ewlieni għandu jiffinalizza l-ftehim bil-miktub, wara li jikkunsidra kwalunkwe opinjoni espressa mill-membri permanenti tal-inqas sal-punt li dawn ikunu waslu sa skadenza stabbilita. Is-superviżur ewlieni għandu jikkomunika l-ftehim ta' kooperazzjoni AML/CFT finali lill-membri u l-osservaturi permanenti kollha.
- 8.4 Is-superviżur ewlieni għandu jżomm il-ftehim ta' kooperazzjoni AML/CFT imsemmi fil-Linja Gwida 8.2 jew 8.3 taħt rieżami u jaġġornah fejn meħtieġ, soġġett għal konsultazzjoni minn qabel mal-membri permanenti.

Linja Gwida 9: Il-kamp ta' applikazzjoni tal-għajjnuna reċiproka

- 9.1 Il-membri permanenti u, fejn dan huwa previst fit-termini ta' parteċipazzjoni annessi mal-ftehim ta' kooperazzjoni AML/CFT, l-osservaturi għandhom jipprovdu lil xulxin b'assistenza reċiproka sħiħa fi kwalunkwe kwistjoni rilevanti għas-superviżjoni AML/CFT jew aspetti relatati mal-AML/CFT tas-superviżjoni prudenzjali tad-ditta li topera fuq bażi transkonfinali jew stabbilimenti tal-UE li għalihom ġie stabbilit il-kulleġġ AML/CFT. L-assistenza reċiproka tinkludi skambju ta' kooperazzjoni u informazzjoni fir-rigward tad-ditta li topera fuq bażi transkonfinali, l-istabbiliment transkonfinali jew l-istabbiliment tal-UE, sal-punt li tali skambju ta' informazzjoni jkun permess mil-leġiżlazzjoni applikabbli filwaqt li jkun hemm referenza għall-Artikolu 50a l-Artikolu 57a(4) tal-AMLD, fir-rigward ta', iżda mhux limitat għal:
- (a) is-superviżjoni ta' dik id-ditta, tal-istabbiliment transkonfinali jew tal-istabbiliment tal-UE f'konformità mal-Linji Gwida dwar is-Superviżjoni abbażi tar-Riskju, b'mod partikolari:
 - (i) meta tiġi ttestjata l-applikazzjoni ta' politiki u proċeduri AML/CFT, inkluża l-applikazzjoni ta' politiki u proċeduri AML/CFT tal-grupp kollu, fejn applikabbli;
 - (ii) meta joħorġu sejbiet relatati ma' nuqqasijiet ta' konformità mal-politiki u l-proċeduri AML/CFT tal-grupp kollu, fejn applikabbli;



- (iii) meta jitwettqu spezzjonijiet fuq il-post;
- (iv) il-profil tar-riskju ML/TF;
- (b) it-twettiq ta' spezzjonijiet (konġunti) fuq il-post fi Stat Membru ieħor;
- (c) l-eżami ta' suspett, tentattiv jew twettiq ta' ksur tal-obbligi AML/CFT jew nuqqasijiet fl-arranġamenti ta' governanza interna;
- (d) sanzjonijiet jew miżuri imposti, pereżempju meta jiġi kkunsidrat l-impatt ta' sanzjonijiet għal ksur tal-obbligi AML/CFT; u
- (e) riskji ML/TF emerġenti jew stabbiliti.

Linja Gwida 10: Proċeduri għat-talba u l-għoti ta' assistenza reċiproka

- 10.1 Il-membri permanenti u l-osservaturi, sal-livell previst fit-termini tal-parteċipazzjoni tagħhom annessi mal-ftehim ta' kooperazzjoni AML/CFT, jistgħu jitolbu assistenza reċiproka, inkluża l-kooperazzjoni superviżorja u l-iskambju ta' informazzjoni, minn membri permanenti oħrajn u, sa fejn previst skont it-termini ta' parteċipazzjoni annessi mal-ftehim ta' kooperazzjoni AML/CFT, l-osservaturi.
- 10.2 Il-membri permanenti li jagħmel it-talba għandu jissottometti t-talba tiegħu bil-miktub lill-membri permanenti l-oħra (jew lill-osservaturi) u jibgħat kopja ta' dik it-talba lis-superviżur ewlieni fi żmien 3 ijiem ta' xogħol mill-jum li fih il-membri permanenti (jew l-osservatur) li jkun għamel it-talba, ikun bagħat it-talba.
- 10.3 It-talba għandha tistabbilixxi liema informazzjoni jew tip ta' assistenza reċiproka hija mitluba u r-raġuni għat-talba. F'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn issir talba orali, din għandha tiġi segwita b'konferma bil-miktub hekk kif tkun prattikabbli.
- 10.4 Meta jirċievi talba għal assistenza reċiproka mingħand membru permanenti jew osservatur, il-membri permanenti li tkun saritlu t-talba għandu jipprovdi l-assistenza meħtieġa, inkluża informazzjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskju ML/TF tiegħu, mingħajr dewmien żejjed u b'mod komprensiv. Jekk il-membri permanenti li tkun saritlu t-talba jirrifjuta li jaġixxi fuq talba għal assistenza, huwa għandu jispjega r-raġunijiet tiegħu għal dan u, fejn possibbli, jenfasizza modi alternattivi biex tinkiseb l-assistenza mitluba.
- 10.5 Fejn l-informazzjoni ma tkunx disponibbli fil-lingwa speċifikata fil-ftehim bil-miktub dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni, il-membri li tkun saritlu t-talba għandu jikkunsidra li jipprovdi sommarju fil-lingwa tal-kulleġġ.

Linja Gwida 11: Restrizzjonijiet ta' kunfidenzjalità u l-użi permissibbli ta' informazzjoni

Informazzjoni mhux pubblika

- 11.1 Il-membri permanenti kollha f'kulleġġ AML/CFT għandhom iżommu kwalunkwe informazzjoni mhux pubblika miksuba f'dak il-kulleġġ kunfidenzjali. Informazzjoni mhux pubblika tinkludi talbiet għal assistenza reċiproka.
- 11.2 Meta membru permanenti jirċievi talba għal assistenza reċiproka mingħand awtorità kompetenti li ma tkunx membru jew osservatur permanenti f'dak il-kulleġġ AML/CFT, u li jwieġeb għal dik it-talba jfisser li jkun jeħtieġ jiżvela informazzjoni mhux pubblika miksuba fil-kuntest tal-kulleġġ AML/CFT, il-membri permanenti li jkun irċieva t-talba għandu:
- (a) jikkonsulta ma' dawk il-membri permanenti jew ma' dawk l-osservaturi li minnhom tkun oriġinat l-informazzjoni soġġetta għat-talba ta' żvelar u mas-superviżur ewlieni;
 - (b) ma jiżvelax informazzjoni mhux pubblika sakemm ma jkunx kiseb il-ftehim bil-miktub mill-membri permanenti u/jew osservaturi li minnhom tkun oriġinat l-informazzjoni mhux pubblika;
 - (c) joqgħod lura milli jiżvela, sa fejn ikun permess, informazzjoni mhux pubblika jekk il-membri permanenti u/jew l-osservaturi li minnhom tkun oriġinat l-informazzjoni jikkunsidraw li l-iżvelar ma jkunx ġustifikat. F'dawk il-każijiet, il-membri permanenti li tkun saritlu t-talba għandu jitlob lill-awtorità kompetenti li tkun għamlet it-talba biex tikkunsidra li tirtira t-talba tagħha għal assistenza reċiproka jew li temendaha b'tali mod li tiġi eliminata l-ħtieġa ta' żvelar ta' informazzjoni mhux pubblika.
- 11.3 Meta t-trażmissjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali miksuba fil-kulleġġ AML/CFT għal parteċipant mistieden hija permissibbli skont il-liġi applikabbli u tali trażmissjoni tiġi proposta, is-superviżur ewlieni għandu jkiseb kunsens espliċitu minn qabel mill-membri permanenti jew mill-osservaturi li pprovdew tali informazzjoni lill-kulleġġ AML/CFT. Fejn il-liġi applikabbli teħtieġ li tali trażmissjoni tista' ssir biss jekk il-partiċipant mistieden ikun soġġett għal rekwiżit ta' segretezza professjonali speċifiku, is-superviżur ewlieni għandu jivaluta jekk ikunx ġie sodisfatt ir-rekwiżit u jehmeż il-valutazzjoni għat-talba għal kunsens minn qabel imsemmija fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu. Il-partiċipanti mistiedna għandhom jiffirmaw ftehim ta' kunfidenzjalità li jiżgura li kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali diskussa fil-laqgħa tal-kulleġġ ma tkunx tista' tiġi żvelata lil kwalunkwe persuna jew entità barra mill-kulleġġ AML/CFT sakemm ma tkunx meħtieġa u permessa mil-liġi.
- 11.4 Is-superviżur ewlieni għandu jiżgura li l-informazzjoni kunfidenzjali tiġi dejjem skambjata fil-kulleġġ AML/CFT permezz ta' mezzi siguri, sakemm tali informazzjoni ma tiġix skambjata matul il-laqgħa tal-kulleġġ.

11.5 L-iskambju ta' informazzjoni bejn is-superviżur ewlieni, il-membri permanenti u l-osservaturi għandu jkun f'konformità mal-liġijiet applikabbli li jirregolaw il-protezzjoni tad-*data*.⁶

Użi permessi ta' informazzjoni

11.6 Il-membri permanenti għandhom jużaw l-informazzjoni miksuba fil-kulleġġ AML/CFT, mingħajr il-kunsens minn qabel, għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 57a tad-Direttiva (UE) 2015/849 u b'mod partikolari sabiex:

- (a) jiżguraw li d-ditta li topera fuq bażi transkonfinali jew l-istabbilimenti tal-UE jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2015/849; jew
- (b) jinfurmaw il-valutazzjoni tar-riskju ML/FT tas-settur.

11.7 Jekk membru permanenti jiddeċiedi li jiżvela l-informazzjoni miksuba fil-kulleġġ AML/CFT għal kwalunkwe skop għajr dawk stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2015/849 jew speċifikat f'dawn il-linji gwida, huwa għandu jikseb kunsens bil-miktub u minn qabel mill-membri permanenti jew mill-osservaturi li minnhom tkun oriġinat l-informazzjoni jew li jistgħu jiġu affettwati mill-iżvelar tal-informazzjoni.

Linja Gwida 12: Approċċ komuni

12.1 Il-membri permanenti għandhom jaqblu dwar approċċ komuni biex jiżguraw li d-ditta li topera fuq bażi transkonfinali u l-istabbilimenti transkonfinali tagħha jew l-istabbilimenti tal-UE jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2015/849 u jkunu ssorveljati b'mod konsistenti fil-ġurisdizzjonijiet kollha.

12.2 F'ċerti ċirkostanzi, żewġ membri permanenti jew aktar jistgħu jaqblu dwar approċċ komuni. Pereżempju:

- (a) meta kwistjoni tirrigwarda biss stabbiliment transkonfinali jew tal-UE fi Stat Membru wieħed, jista' jkun biżżejjed li l-membri permanenti responsabbli għas-superviżjoni ta' dak l-istabbiliment u s-superviżur ewlieni jaqblu dwar l-approċċ komuni; jew
- (b) fejn kwistjoni tirrigwarda l-applikazzjoni tad-ditta jew tal-istabbiliment transkonfinali jew dak tal-UE ta' politiki u proċeduri tal-grupp kollu, ftehim dwar l-approċċ komuni bejn il-membri permanenti kollha jista' jkun aktar xieraq.

⁶ Għall-awtoritajiet nazzjonali, ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' din id-*data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE u l-liġijiet nazzjonali ta' implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u għall-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE.



- 12.3 Fejn il-membri permanenti jaqblu li hemm bżonn ta' approċċ komuni biex tissolva l-kwistjoni iżda ma jistax jintlaħaq ftehim dwar kif għandu jiġi applikat, tipprevali d-deċiżjoni tas-superviżur ewlieni.
- 12.4 Il-membri permanenti għandhom jimpenjaw ruħhom biex japplikaw l-approċċ deskritt fil-Linji Gwida 12.1 u 12.2 fil-prattika fejn dan l-approċċ ma jippreġudikax is-setgħat u l-obbligi konferiti lilhom bis-saħħa tal-liġijiet nazzjonali rispettivi tagħhom.
- 12.5 Fejn membru permanenti jkun qabel li jsegwi l-approċċ komuni u ma jaġixx skont l-approċċ, membri permanenti oħrajn għandhom jikkuntattjaw l-awtorità superviżorja Ewropea responsabbli.

Linja Gwida 13: Azzjoni(jiet) ta' superviżjoni kkoordinata

- 13.1 L-approċċ komuni deskritt fil-Linja Gwida 12 jista' jwassal għal azzjoni superviżorja kkoordinata, li tista' tinkludi spezzjonijiet ikkoordinati jew konġunti minn xi wħud mill-membri permanenti jew mill-membri permanenti kollha. Meta jkunu qed jiddeċiedu jekk għandhomx iwettqu azzjoni superviżorja kkoordinata, il-membri permanenti għandhom iqisu:
- (a) in-natura u l-livell tar-riskju ML/TF li l-azzjoni konġunta hija mfassla biex tivvaluta jew timmitiga;
 - (b) ir-riskji speċifiċi jew id-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji li jiffurmaw is-suġġett ta' azzjoni kkoordinata, u kwalunkwe differenza fil-qafas legali u regolatorju applikabbli;
 - (c) ir-riżorsi superviżorji disponibbli u l-allokkazzjoni pplanata tar-riżorsi superviżorji.
- 13.2 Jekk jintlaħaq ftehim dwar azzjoni kkoordinata, il-membri permanenti parteċipanti għandhom jistabbilixxu mill-inqas bil-miktub:
- (a) il-membri permanenti li huwa responsabbli għall-koordinazzjoni ta' azzjoni, jekk ikun meħtieġ;
 - (b) pjan ta' azzjoni, li jinkludi n-natura u t-tip ta' azzjoni kkoordinata li għandha tittieħed minn kull membru permanenti, l-iskedar tax-xogħol li għandu jsir minn kull membru permanenti u l-modalitajiet ta' skambju ta' informazzjoni, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni miġbura matul, u bħala riżultat tal-azzjoni kkoordinata;
 - (c) l-għażliet għal segwitu kkoordinat, jekk ikun hemm, inkluż, fejn applikabbli, azzjoni ta' infurzar ikkoordinata.

Linja Gwida 14: Relazzjonijiet bilaterali

14.1 Sabiex jiġu strutturati r-relazzjonijiet tagħhom fejn ma jkunx ġie stabbilit kulleġġ AML/CFT, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw proċessi li jiffaċilitaw kooperazzjoni effettiva u effiċjenti u skambju ta' informazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn, awtoritajiet superviżorji minn pajjiżi terzi fejn fattibbli u superviżuri prudenzjali permezz ta' relazzjonijiet bilaterali. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw fejn xieraq id-dispożizzjonijiet stabbiliti:

- (a) Fil-Linja Gwida 9 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-assistenza reċiproka;
- (b) Fil-Linja Gwida 10 b'rabta mal-proċess ta' assistenza reċiproka;
- (c) Fil-Linja Gwida 11 fir-rigward ta' użi permessi ta' informazzjoni; u
- (d) Fil-Linja Gwida 12 u 13 fir-rigward ta' approċċ komuni u azzjonijiet superviżorji kkoordinati.

14.2 Fejn, skont l-Artikolu 57a(2) tad-Direttiva (UE) 2015/849, l-awtoritajiet kompetenti jkunu ffirmaw ftehim mal-Bank Ċentrali Ewropew, huma għandhom jirreferu wkoll għal dak il-ftehim għal modalitajiet prattiċi ta' kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni bejniethom.

Linja Gwida 15: Riżoluzzjoni tal-kunflitti

15.1 Kwalunkwe kunflitt, li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida, bejn il-membri permanenti u l-osservaturi, inkluż fejn kulleġġ AML/CFT mhuwiex stabbilit jew talba għal assistenza reċiproka ma ġietx aċċettata jew ma ġietx issodisfata għalkollox, għandu jiġi riferut lill-awtoritajiet superviżorji Ewropej mill-awtoritajiet kompetenti kollha involuti.

Linja Gwida 16: Perjodu tranżitorju

16.1 Is-superviżur ewlieni għandu jagħmel kull sforz biex jistabbilixxi mill-aktar fis possibbli kulleġġ AML/CFT għad-ditti kollha, l-istabbilimenti transkonfinali u dawk tal-UE li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Linja Gwida 2. Huwa għandu l-ewwel jistabbilixxi kulleġġi għal dawk id-ditti li jkunu vvalutati bħala riskju għoli għal skopijiet ML/TF skont il-Linji Gwida dwar is-Superviżjoni bbażata fuq ir-Riskju u jiżgura li l-kulleġġi għad-ditti eliġibbli l-oħra kollha jiġu stabbiliti fi żmien sentejn mid-data tal-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida.

16.2 Matul dan il-perjodu tranżitorju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-EBA dwar kwalunkwe kwistjoni li jiltaqgħu magħha fl-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida.



Anness I – Mudelli ta’ mmappjar

[dan il-mudell għandu jintuża meta jiġu mmappjati ditti bi stabbilimenti transkonfinali, li huma awtorizzati fl-Istat Membru tiegħek u li għandhom stabbilimenti transkonfinali fi Stati Membri oħrajn]

Isem tad-ditta	Tip ta’ ditta	Klassifikazzjoni ta’ riskju ML/TF	Identifikatur legali, jekk rilevanti	Stat Membru jew pajjiż terz fejn kumpanija qed topera stabbiliment transkonfinali	It-tip ta’ stabbiliment transkonfinali	Id-ditta teħtieġ kulleġġ AML/CFT?

[dan il-mudell għandu jintuża meta jiġu mmappjati stabbilimenti transkonfinali, li joperaw fl-Istat Membru, ta’ ditta stabbilita fi Stat Membru ieħor]

L-isem tal-istabbiliment transkonfinali li jopera fl-Istat Membru	Tip ta’ ditta	Klassifikazzjoni tar-riskju ML/TF tal-istabbiliment transkonfinali	Identifikatur legali, jekk rilevanti	L-Istat Membru fejn jinsab l-uffiċċju ewlieni	Kif id-ditta tkun qed topera fl-Istat Membru tiegħek (fergħa, sussidjarja, eċċ.)	L-istabbiliment transkonfinali tal-UE jeħtieġ kulleġġ AML/CFT?	Meta jkun meħtieġ il-kulleġġ AML/CFT, irreġistra l-isem u l-post tas-superviżur ewlieni



[dan il-mudell għandu jintuża meta jiġu mmappjati stabbilimenti tal-UE ta' impriżi ta' pajjiżi terzi, li joperaw fl-Istat Membru.]

L-isem tal-istabbiliment tal-UE	Tip ta' ditta	Klassifikazzjoni tar-riskju ML/TF tal-istabbiliment tal-UE	Identifikatur legali, jekk rilevanti	L-isem tal-impriża ta' pajjiż terzi	Il-pajjiż fejn jinsab l-uffiċċju prinċipali tal-impriża ta' pajjiż terzi	Kif qed jopera l-istabbiliment tal-UE fl-Istat Membru tiegħek (fergħa, sussidjarja, eċċ.)	Stabbiliment oħrajn tal-UE relatati mal-istess impriża ta' pajjiż terzi	Valur totali tal-assi tal-istabbiliment tal-UE li joperaw fl-Istat Membru tiegħek	Il-livell ta' riskju ML/TF assoċjat mal-istabbiliment tal-UE fl-Istat Membru tiegħek	L-istabbiliment tal-UE li jopera fl-Istat Membru tiegħek jeħtieġ kulleġġ AML/CFT ?	Meta jkun meħtieġ il-kulleġġ AML/CFT, irreġistra l-isem u l-post tas-superviżur ewlieni

Anness II – Mudell ta’ ftehim ta’ kooperazzjoni AML/CFT

Ftehim ta’ kooperazzjoni AML/CFT u skambju ta’ informazzjoni (il-“ftehim”)

tal-kulleġġ superviżorju AML/CFT (il-“kulleġġ AML/CFT”)

stabbilit għal *[Irreġistra l-isem tad-ditta li topera fuq bażi transkonfinali jew l-istabbiliment tal-UE]* (id-“ditta”)

i. Introduzzjoni

[Irreġistra l-isem tal-awtorità kompetenti] peress li s-superviżur ewlieni (is-“superviżur ewlieni”) stabbilixxa dan il-kulleġġ AML/CFT f’konformità mal-Artikoli 48(4), 48(5), 49, 50(a) u 57(a) tad-Direttiva (UE) 2015/849. Is-superviżur ewlieni fil-valutazzjoni tar-riskju ML/TF tiegħu kklassifika d-ditta bħala *[irreġistra l-klassifikazzjoni tar-riskju ML/TF]* għall-finijiet ta’ riskju ML/TF.

L-għan ta’ dan il-kulleġġ AML huwa li jiżgura l-kooperazzjoni u l-iskambju ta’ informazzjoni bejn il-membri permanenti u l-osservaturi identifikati fit-taqsimi II ta’ dan il-ftehim.

Dan il-Kulleġġ AML se jopera f’konformità ma’ dan il-ftehim, li se jiġi rieżaminat u aġġornat b’mod regolari skont ir-regoli stabbiliti fil-linji gwida tal-ESA dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta’ informazzjoni għall-finijiet tad-Direttiva (UE) 2015/849 bejn l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw l-istituzzjonijiet ta’ kreditu u dawk finanzjarji (il-“Linji Gwida dwar il-Kulleġġi AML/CFT”).

ii. Identifikazzjoni ta’ membri permanenti u osservaturi

a. Deskrizzjoni u struttura tad-ditta

[Jekk jogħġbok daħħal tabella ta’ struttura u/jew deskrizzjoni qasira tad-ditta. Fl-Appendiċi I għal dan il-ftehim għandha tinhemeż deskrizzjoni dettaljata tad-ditta.]

b. Identifikazzjoni ta’ membri permanenti

Bħala riżultat tal-eżerċizzju ta’ mmappjar imwettaq mis-superviżur ewlieni u f’konformità mal-Linja Gwida 5 tal-Linji Gwida tal-Kulleġġi AML, is-superviżur ewlieni identifika l-membri permanenti li ġejjin li huma meħtieġa jipparteċipaw fil-kulleġġ AML:

[Daħħal lista tal-membri permanenti kollha]

Id-dettalji ta’ kuntatt tal-membri permanenti kollha jinsabu fl-Appendiċi II mehmuża ma’ dan il-ftehim.

c. *Identifikazzjoni tal-osservaturi*

Is-superviżur ewlieni wettaq eżerċizzju ta' mmappjar u, f'konformità mal-Linja Gwida 5 tal-Linji Gwida dwar il-Kulleġġi AML, identifika osservaturi għall-kulleġġ AML. Wara li jirċievi konferma mill-osservaturi li huma se jirrispettaw it-Termini tal-Parteċipazzjoni tal-osservaturi inklużi fl-Appendiċi III ta' dan il-ftehim, is-superviżur ewlieni jistieden lill-osservaturi li ġejjin biex jipparteċipaw fil-kulleġġ AML:

[Dañhal lista tal-osservaturi kollha]

Is-superviżur ewlieni jqis li dawn l-osservaturi għandhom interess partikolari fil-kwistjonijiet relatati mad-ditta, li se jiġu diskussi fil-laqgħat tal-kulleġġ AML/CFT, inklużi:

[Inkludi lista ta' suġġetti]

[Irreġistra l-isem tal-awtorità superviżorja] hija awtorità superviżorja ta' pajjiż terz li ġiet mistiedna tiegħu sehem fil-kulleġġ AML bħala osservatur minħabba *[Fir-rigward tat-taqsimiet a) jew b) hawn taħt, jekk jogħġbok ħassar it-taqsimi li mhijiex rilevanti]*

- a) is-superviżur ewlieni jqis ir-reġim ta' kunfidenzjalità tal-awtorità superviżorja fil-pajjiż terz bħala ekwivalenti għal dik tal-awtoritajiet kompetenti;

jew

- b) is-superviżur ewlieni jqis li r-reġim ta' kunfidenzjalità tal-awtorità superviżorja fil-pajjiż terz ma jkunx ekwivalenti għal dak tal-awtoritajiet kompetenti u għalhekk jillimita l-parteċipazzjoni tal-osservatur fis-sessjonijiet li ġejjin fejn ma tiġi żvelata l-ebda informazzjoni kunfidenzjali:

[Inkludi lista ta' sessjonijiet]

[Inkludi l-kundizzjoni li ġejjin biss meta l-membri permanenti jkunu qablu li l-osservaturi għandhom jattendu biss sessjonijiet partikolari tal-laqgħa tal-kulleġġ]

iii. *Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-kulleġġ AML*

Is-superviżur ewlieni u l-membri permanenti tal-kulleġġ AML jiżguraw li l-aktar rappreżentanti xierqa jipparteċipaw fil-laqgħat u l-attivitajiet tal-kulleġġ, abbażi tas-suġġetti li għandhom jiġu diskussi u l-oġġettivi li għandhom jiġu segwiti.

Dawk ir-rappreżentanti se jkollhom is-setgħa li jimpenjaw lill-awtoritajiet tagħhom bħala membri permanenti, sal-limitu massimu possibbli għad-deċiżjonijiet ippanati li jittieħdu matul il-laqgħat jew l-attivitajiet tal-kulleġġ AML.

Is-superviżur ewlieni, f'konsultazzjoni mal-membri permanenti, se jistieden parteċipanti oħrajn biex jattendu sessjoni partikolari tal-laqgħa tal-kulleġġ AML skont il-Linja Gwida 5 tal-Linji Gwida AML, fejn meħtieġ.

iv. Il-kamp ta' applikazzjoni u l-qafas biex tintalab l-assistenza reċiproka

Il-membri permanenti se jsegwu l-proċess biex jitolbu u jipprovdu assistenza reċiproka stabbiliti fil-Linji Gwida tal-Kulleġġi AML.

Il-membri permanenti se jipprovdu l-akbar assistenza reċiproka possibbli lill-membri u l-osservaturi permanenti l-oħra, fejn fattibbli, fi kwalunkwe kwistjoni rilevanti għas-superviżjoni AML/CFT tad-ditta u tal-inqas f'materji deskritti fil-Linji Gwida tal-Kulleġġi AML.

vii. Trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali

Skont l-Artikolu 48(2) tad-Direttiva (UE) 2015/849, il-membri permanenti kollha se jittrattaw l-informazzjoni li jirċievu skont dan il-ftehim u fil-kuntest tal-kulleġġ AML bħala kunfidenzjali u f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*.

Il-membri permanenti se jużaw l-informazzjoni kunfidenzjali li jirċievu fil-kuntest tal-kulleġġ AML biss meta jkunu qed iwettqu dmirijiethom u għall-finijiet speċifikati fil-Linji Gwida tal-Kulleġġi AML.

Il-membri permanenti se jiżvelaw l-informazzjoni miksuba bħala parti mill-kulleġġ AML lil partijiet minbarra membri permanenti u osservaturi, fejn xieraq, biss b'mod deskritt fil-Linji Gwida tal-Kulleġġi AML.

viii. Approċċ komuni u azzjoni kkoordinata

Il-membri permanenti se jirreferu għal-Linji Gwida tal-Kulleġġi AML meta jaqblu dwar approċċ komuni jew azzjonijiet ikkoordinati.

Is-superviżur ewlieni se jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jiżgura l-applikazzjoni ta' approċċ komuni meta jkun hemm qbil bejn żewġ membri permanenti jew aktar, fejn dan ma jippreġudikax is-setgħat u l-obbligi konferiti lil dawn il-membri permezz tal-liġijiet nazzjonali rispettivi tagħhom.

ix. Riżoluzzjoni tal-kunflitti

Kwalunkwe kunflitt bejn il-membri permanenti u l-osservaturi, fejn rilevanti, se jiġi riżolt skont il-Linji Gwida tal-Kulleġġi AML.

x. Dispożizzjonijiet finali għall-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub

Il-membri permanenti se jonoraw l-arranġamenti stabbiliti f'dan il-ftehim.

F'każ ta' twaqqif tas-sħubija minn membru permanenti jew osservatur, is-superviżur ewlieni, f'konsultazzjoni mal-membri permanenti, jirrevedi dan il-ftehim kif meħtieġ.

Il-lingwa ta' komunikazzjoni fi ħdan il-kulleġġ AML hija *[aġħti l-isem tal-lingwa]*. Dan id-dokument ma għandux jiġi ppubblikat.

Data:
 F'isem *[is-supervizur ewlieni]*
 Isem:
 Kariga:
 Firma:.....

Data:
 F'isem *[L-awtorità kompetenti]*,
 Isem:.....
 Pożizzjoni:.....
 Firma:.....

Appendiċi I — L-istruttura tad-ditta

[hawnhekk inkludi deskrizzjoni dettaljata tal-istruttura tad-ditta jew l-organigramma]

Appendiċi II — Lista ta' kuntatt

L-aħħar aġġornament:				
Status	Awtorità	Dettalji ta' kuntatt	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika
<i>[irreġistra jekk hux membru permanenti jew osservatur]</i>	<i>[irreġistra l-isem tal-awtorità kompetenti/superviżorja jew l-ASE]</i>	<i>[irreġistra l-isem u t-titolu tal-impjeg tal-persuna ta' kuntatt fl-awtorità]</i>	<i>[irreġistra n-numru tat-telefown tal-persuna ta' kuntatt]</i>	<i>[irreġistra l-indirizz tal-posta elettronika tal-persuna ta' kuntatt]</i>

Appendiċi III — Termini Individwali għall-Parteċipazzjoni tal-osservaturi

[It-Termini ta' Parteċipazzjoni, li se jiġu konklużi minn membri permanenti mal-osservaturi individwali, għandhom isiru annessi tal-ftehim ta' kooperazzjoni u tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni, jiġifieri l-Appendiċijiet III.1, III.2, eċċ., skont l-għadd ta' osservaturi fil-kulleġġ. Għal kull osservatur għandu jkun hemm Termini ta' Parteċipazzjoni individwali li jiddefinixxu l-



involvement tiegħu fl-attivitajiet tal-kulleġġ AML u l-interazzjonijiet tiegħu mal-membri permanenti u osservaturi oħrajn fil-kuntest tal-kulleġġ AML (sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-membri tal-kulleġġ u mill-osservaturi).]



JOINT COMMITTEE OF THE EUROPEAN
SUPERVISORY AUTHORITIES
